# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 103/2019

## tal-11 ta' April 2019

## li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2019/1233]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/565 tat-28 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2205, ir-Regolament Delegat (UE) 2016/592 u r-Regolament Delegat (UE) 2016/1178 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-data li fiha l-obbligu tal-ikklirjar jidħol fis-seħħ għal ċerti tipi ta' kuntratti ([1]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 31bcp (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2205), 31bcq (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/592) u 31bcr (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1178) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32019 R 0565**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/565 tat-28 ta' Marzu 2019 (ĠU L 99, 10.4.2019, p. 6)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2019/565 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-11 ta' April 2019, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2019.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 99, 10.4.2019, p. 6.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.